MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JACQUELINE PADOVANI

Seduta tat-22 ta' Jannar, 2007

Numru. 952/2006

PULIZIJA
SPETTUR ANGELO GAFA'
VS
SACHA SPITERI

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Sacha Spiteri, ta' 25 sena, bin John Mary u Iris nee' Schembri, imwieled Pieta' fit-8 ta' Jannar 1981, u residenti f'31, Triq Hompesch, Fgura, u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 51981(M), u akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, fil-5 t'Awissu 2006, u fil-granet ta' qabel, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, fil-hanut Intermission fi Triq il-Granmastri, Marsaskala, xjentement qieghed fic-cirkolazzjoni, biegh jew zamm ghandu ghall-bejgh jew importa ghall-hsieb ta' kummerc, merkanzija b'marka, sinjal, jew emblema imxebbhin b'qerq iehor u cioe' erba' u tmenin (84) DVD's.

Kif ukoll talli fl-istess perjodu u cirkostanzi, ghal qliegh, jew bi skop ta' kummerc, stampa, immanifattura, iddupplika jew mod iehor irriproduca jew ikkopja, jew biegh, qassam, jew mod iehor offra ghall-bejgh jew biex jitqassam, xi artikolu jew xi haga ohra bi ksur tal-jeddijiet li johorgu mid-drittijiet tal-awtur li jkollha persuna ohra u protetti bil-ligi ta' Malta jew tahtha.

U aktar talli b'hekk sar recidiv ai termini tal-Artikolu 49 et seq tal-Kodici Kriminali b'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati, datata 4 t'Ottubru 2001, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex fil-kaz ta' htija, barra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mill-Ligi, tordna wkoll il-konfiska tal-oggetti kollha esebiti.

Il-Qorti giet ukoll gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija, tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali (a fol 4) u tal-imputat (a fol 8) sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat (a fol 6).

Semghet il-konferma ta' tali ammissjoni, wara li l-Qorti tat zmien ragjonevoli sabiex l-imputat jirripensa ruhu.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Fuq l-istess ammissjoni tieghu, din il-Qorti ssib lill-imputat hati skond l-akkuza, u wara li rat l-Artikoli 18, 298(f),

298B, 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, tikkundannah ghal hames mitt Lira Maltin (Lm500) multa, li jridu jithallsu b’rati mensili fi zmien sitt xhur. Il-Qorti tordna wkoll il-konfiska u d-distruzzjoni tal-oggetti esebiti bhala l-esebiti AG5.

Din il-piena qed tinghata wara li l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-fatti kollha tal-kaz, inkluz il-fatt illi l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-proceduri, il-fedina penali tal-imputat, l-eta’ giovvanili tieghu u l-koperazzjoni shiha mal-Pulizija.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------